



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11153/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0197 (NLE)

UD 144
COEST 544

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-Sottokomitat Doganali tal-UE-r-Repubblika tal-Moldova stabbilita mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tar-Repubblika tal-Moldova u tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tal-Unjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni
fi ħdan is-Sottokumitat Doganali tal-UE-r-Repubblika tal-Moldova
stabbilita mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom,
min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-
operaturi ekonomiċi awtorizzati tar-Repubblika tal-Moldova
u tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra¹ ('il-Ftehim') ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Fl-Artikolu 192 tal-Ftehim, il-Partijiet ftehm u li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam doganali u tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ.
- (3) Is-Sottokumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 200 tal-Ftehim għandu s-setgħa jieħ u l-miżuri meħtieġa għall-kooperazzjoni doganali.
- (4) Skont l-Artikolu 200(3), punt (b), tal-Ftehim, is-Sottokumitat Doganali għandu s-setgħa jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kontrolli doganali u l-programmi ta' sħubija kummerċjali, u l-benefiċċji miftiehma b'mod reċiproku.

¹ ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

- (5) Is-Sottokumitat Doganali, matul it-tmien laqgħa tiegħu fl-2022, jew permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk fil-kuntest ta' dik il-laqgħa, għandu jadotta deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati (AEO) tar-Repubblika tal-Moldova u tal-programm tal-AEO tal-Unjoni.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali, peress li d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi tal-AEO se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tmien laqgħa tas-Sottokumitat Doganali stabbilita mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, jew permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-partijiet jaqblu li jsir hekk fil-kuntest ta' dik il-laqgħa, fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tar-Repubblika tal-Moldova u l-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
